# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 70**

**Rikors numru 710/07/1 AF**

**Vodafone Malta Limited illum magħrufa bħala Epic Communications Limited**

**v.**

**Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni u Avukat Ġenerali li fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti laqgħet it-talba biex jintervjenu fil-kawża GO p.l.c u Mobilse Communications Limited u b'digriet tal-25 ta' April 2023 l-appell tkompla f'isem GO p.l.c biss bħala intervenut fil-kawża stante li s-soċjetà Mobisle Communications Limited ġiet amalgamata mal-istess soċjetà Go p.l.c.**

1. Din hi sentenza parzjali minn eċċezzjoni sollevata mill-attriċi Vodafone Malta Limited fejn qed tissottometti illi l-appell inċidentali magħmul mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni hu null.

2. L-*iter* li ta lok għal din l-eċċezzjoni hu s-segwenti. Quddiem l-Ewwel Qorti l-Awtorità qajmet żewġ eċċezzjonijiet preliminari ċjoè n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li tisma' l-vertenża billi s-soċjetà attriċi kellha rimedju speċifiku taħt il-Kapitolu 418 u li l-azzjoni saret wara ż-żmien maħsub fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12. Ingħatat sentenza parzjali fit-13 ta' Ġunju 2013 li minnha l-Awtorità ma appellatx. In segwitu ngħatat sentenza parzjali oħra mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Ġunju 2018 u sentenza finali fis-6 ta' Ġunju 2018. Kien biss wara li l-attriċi appellat mis-sentenza finali tal-Ewwel Qorti illi l-Awtorità ressqet l-appell inċidentali b'referenza għall-eċċezzjonijiet miċħuda bis-sentenza parzjali tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Ġunju 2013.

3. Vodafone Malta Limited tissottometti li kieku ma appellatx, l-Awtorità li ma appellatx mis-sentenza preliminari bin-nuqqas ta' aġir tagħha kienet sokkombenti għal dik is-sentenza u rrinunżjat għall-appell. Dan jixhdu wkoll il-fatt li l-Artikolu 234 tal-Kap. 12 jagħti dritt ta' appell immedjat mingħajr ħtieġa ta' awtorizazzjoni minn sentenza dwar ġurisdizzjoni.

4. Wara li rat l-atti u semgħet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023 il-Qorti tqis l-eċċezzjoni mhux flokha. Ma hemm xejn fil-liġi proċedurali li jxekkel jew iġib fix-xejn id-dritt ta' parti li ma tressaqx appell minn sentenza preliminari iżda tressaq appell mill-istess sentenza

wara s-sentenza finali. Dan il-ħsieb ħareġ ċar fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Brian John Agius et v. Colin Galea** (27/06/2014) fejn intqal hekk:

> "Qabel ma jiġi trattat il-meritu, jeħtieġ li jiġi eżaminat ilment preliminari li ressqu l-atturi appellati dwar il-validita` tal-appell relatat mal-ewwel sentenza tal-24 ta' Jannar 2006. Dan l-ilment huwa bażat fuq is-sottomissjoni li wara dik is-sentenza l-konvenut kien ressaq minnha appell (mingħajr permess mill-ewwel Qorti) u sussegwentement irtira l-istess appell; l-atturi jargumentaw illi l-konsegwenza allura hi li l-konvenut akkwiexxa għall-istess sentenza.
>
> Din il-Qorti tara li dan l-argument mhux mingħajr ħsieb warajh, pero`, tara wkoll li l-akkwiexxenza għal xi deċiżjoni trid tkun tirriżulta b'ċirkostanżi aktar determinanti. Hu ċar, f'dan il-kaz, li wara li l-konvenut ressaq l-appell wara s-sentenza preliminari induna bi żball li ma talabx preventivament il-permess tal-ewwel Qorti biex jagħmel dan, u allura aktar milli jistenna deċiżjoni minn din il-Qorti – li kien jaf se tkun kontra tiegħu – u jżid l-ispejjeż, iddeċieda li jeċdi dak l-appell sabiex ikun f'poziżżjoni li jirregola ruħu wara li tingħata s-sentenza finali mill-ewwel Qorti. Minn dawn iċ-ċirkostanżi, ma tistax tiġi ndotta akkwiexxenża tal-konvenut għas-sentenza preliminari li tat l-istess Qorti, u allura l-aggravju relattiv qed jiġi miċħud."

Inoltre kif intqal fl-appell **A&A Properties Limited vs Monsinjur Joseph Dalmas et** (20/07/2020):

> "Tqum il-kwistjoni dwar x' jiġri fil-każ li minkejja li parti li tkun ottjeniet il-permess mill-Qorti biex tappella mis-sentenza parzjali qabel is-sentenza finali, tibqa' ma tippreżentax l-appell f'dawk l-għoxrin jum. Din il-Qorti jidhrilha li f'tali każ, għalkemm dik il-parti li ottjeniet il-permess tkun ovvjament tilfet id-dritt li tappella mis-sentenza parzjali qabel is-sentenza finali, ma tkunx ukoll tilfet id-dritt li tappella mis-sentenza parzjali wara s-sentenza finali. Ma hemm xejn f'dan l-artikolu li jindika li bl-ottjeniment ta' permess biex isir appell qabel is-sentenza finali ikun qiegħed awtomatikament jintilef id-dritt tal-appell mis-sentenza finali.
>
> Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm il-konvenuti m'appellawx mis-sentenza parzjali f'dawk l-għoxrin jum minn meta ingħatalhom il-permess relattiv, ma jfissirx li allura ma kienx possibbli għalihom li jressqu l-appell tagħhom mill-istess sentenza parzjali wara s-sentenza finali, kif fil-fatt għamlu."

5. Dawn is-sentenzi jġibu fix-xejn l-eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi billi fl-ebda waqt l-Awtorità ma jidher b'mod ċar li rrinunżjat li tappella mis-

sentenza preliminari qabel jew wara s-sentenza finali kif kellha jedd tagħmel. L-appell li semmiet is-soċjetà attriċi (Forward Architects J.V. v. Direttur Ġenerali Kuntratti tas-6 ta' Frar 2017) kellu fattispeċie differenti billi l-appell inċidentali sar għat-tħassir tas-sentenza kollha fejn allura kellu jsir appell prinċipali mhux bħal dan il-każ quddiem il-Qorti fejn l-appell qed isir inċidentalment fuq partijiet mis-sentenza appellata. Ladarba l-Awtorità ma tilfitx il-jedd li tappella mis-sentenza *in parte* wkoll wara l-għoti tas-sentenza finali fil-mertu, jiġi li kellha kull jedd li tinqeda bl-għodda tal-appell inċidentali għall-appell prinċipali mressaq mill-kumpanija attriċi għaliex l-Artikolu 240 tal-Kap 12 jagħti li jsir appell inċidentali wkoll f'ċirkostanza bħal din.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni ta' Vodafone Malta Limited li l-appell inċidentali tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni hu rritu u null.

L-ispejjeż marbuta ma' dan l-episodju jitħallew għas-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da